# Kelma tal-Ħajja

MEJJU 2024
ĦARĠA 5

movimento
tal-fokolari

## "Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba" (1 *Ġw* 4, 8).

San Ġwann kiteb l-ewwel ittra tiegħu lill-komunità ta' Nsara fl-Asja Minuri biex jagħmlilhom il-qalb ħalli jerġgħu jiffurmaw komunità waħda, għax fosthom kellhom x'jifridhom. L-awtur qed iħeġġiġhom biex iżommu quddiem għajnejhom dak li "sa mill-bidu" tħabbar fil-predikazzjoni Nisranijia. Hu jtennilhom dak li l-ewwel dixxipli kienu raw, semgħu u messu b'idejhom meta kienu għadhom jgħixu mal-Mulej, biex anki din il-komunità tkun tista' terġa' tingħaqad ħaġa waħda flimkien, u għalhekk anki ma' Ġesù u l-Missier [1].

**"Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla,
għax Alla hu mħabba".**

Biex ifakkar il-qalba tat-tagħlim li kienu ħadu, Ġwanni jisħaq li f'Ġesù kien Alla li beda jħobbna l-ewwel, u dan għamlu billi sar bniedem bħalna u sar jixbahna fil-limiti u n-nuqqas ta' ħila tagħna.

Meta nħobbu kif ħabbna Ġesù, ninħelsu mill-egoiżmu li jtellef l-għaqda tagħna ma' ħutna l-bnedmin u ma' Alla. Imbagħad inkunu nistgħu nħossu din l-imħabba ġewwa fina.

**"Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla,
għax Alla hu mħabba".**

Forsi bla ma nindunaw, li nagħrfu 'l Alla, lil Dak li ħalaqna u li jaf lilna u l-aktar veritajiet profondi ta' kollox, minn dejjem kienet xewqa kbira tal-bniedem.

La Alla hu mħabba, meta nħobbu kif iħobb Hu, nistgħu nintebħu xi ftit b'din il-verità. Nistgħu nikbru fl-għarfien tagħna ta' Alla għax inkunu qed ngħixu xi ftit kif jgħix Hu, u Hu jdawlilna t-triq tagħna.

Dan iseħħ b'mod sħiħ meta nħobbu 'l xulxin. Infatti, jekk inħobbu 'l xulxin "Alla jibqa' fina" [2]. Jiġri bħal meta żewġ wajers tad-dawl imissu ma' xulxin biex id-dawl jixgħel u jdawwal kullimkien.

**"Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla,
għax Alla hu mħabba".**

Chiara Lubich tgħid li meta nagħtu xhieda li Alla hu

mħabba, din tkun "l-akbar rivoluzzjoni li aħna msejħin nagħtu lid-dinja tallum, li tinsab mimlija kull fejn tħares bit-tensjoni", l-istess kif "l-ewwel Insara kienu jagħmlu fid-dinja pagana ta' żmienhom" [3].

X'irridu nagħmlu? Kif ngħixu din l-imħabba li ġejja m'għand Alla? Billi nitgħallmu minn Ibnu, b'mod partikulari "[...] fil-qadi lejn ħutna, l-aktar dawk li jgħixu qrib tagħna, ibda mill-affarijiet iż-żgħar u umli. Irridu nagħmlu ħilitna kollha biex nimitaw lil Ġesù, billi nibdew inħobbu aħna l-ewwel, niċċaħħdu minna nfusna u ngħannqu magħna s-slaleb kollha, żgħar jew kbar. Jekk nagħmlu hekk ma ndumux biex nagħmlu esperjenza t'Alla, ningħaqdu miegħU, ikollna l-milja tad-dawl, ta' sliem u ferħ f'ruħna, naslu fejn irid iwassalna Ġesù" [4].

**"Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla,**
**għax Alla hu mħabba".**

Anna sikwit tmur iżżur dar tax-xjuħ, f'ambjent Kattoliku. "Darba, ma' Roberta, iltaqgħet ma' Aldo, raġel twil, studjuż u sinjur. Aldo ta ħarsa mnikkta lejn iż-żewġ żgħażagħ: "Imma għalfejn toqogħdu tiġu hawn? Xi tridu minn għandna? Ħalluna mmutu fil-paċi!". Anna ma qatgħetx qalbha u qaltlu: "Niġu hawn għalik, biex inqattgħu ftit ħin flimkien, biex insiru nafu lil xulxin u nsiru ħbieb". [...] Marru drabi oħra. Roberta tirrakkonta li: "Dak ir-raġel kien prattikament magħluq fih innifsu u mnikket għall-aħħar. Ma kienx jemmen f'Alla. Anna kienet l-unika persuna li b'mod delikat ħafna rnexxielha tidħol f'qalbu, u damet tisimgħu għal ħin twil". Kienet titlob għalih, u darba fost l-oħrajn tagħtu kuruna tar-Rużarju, li hu aċċetta. Anna mbagħad saret taf li Aldo kien miet b'isimha fuq fommu. Id-dulur għal mewtu ttaffa għax saret taf li kien miet fil-paċi, u f'idu kien qed iżomm ir-Rużarju li darba kienet tagħtu" [5].

**Silvano Malini u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja**

**1:** Cf. 1 *Ġw* 1, 1-3.

**2:** Cf. 1 *Ġw* 4, 12.

**3:** C. Lubich. Conversazioni, xogħol ta' M. Vandeleene (*Opere di Chiara Lubich 8/1*); Città Nuova, Ruma 2019, pġ. 142.

**4:** C. Lubich, *Parola di Vita di maggio 1991*, fil-ktieb Parole di Vita, xogħol ta' Fabio Ciardi (*Opere di Chiara Lubich 5*), Città Nuova, Ruma 2017, pġ. 477.

**5:** P. Lubrano, *Un volo sempre più alto. La vita di Santa Scorese*, Città Nuova, Ruma 2003, pġ. 83-84,107.

**ĊENTRU**
**TAL-MOVIMENT**
**TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**